# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 31 ta' Ottubru 2023**

**Talba numru 106/2023 SFJ**

**VODAFONE MALTA LTD**

**ILLUM EPIC COMMUNICATIONS LTD (C 10865)**

**VS.**

**SHAZNAY CASSAR (KI 339498 M)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-23 ta' Marzu 2023 li permezz tiegħu is-soċjeta' attriċi ippremettiet u talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

- *"Illi s-soċjeta' attriċi talbet lil dan l-Onorabbli Tribunal jogħġbu jordna w jikkundanna lill-intimat iħallas is-somma ta' elfejn, mija ħamsa u sebgħin ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (Eur2,175.95), rappreżentanti servizzi reżi in konnessjoni ma' servizzi tat-telefonija ċellulari bil-kont bin-numru 1.11067265, fuq talba w a benefiċċju tal-intimat u dan kif jirriżulta mill-fattura, li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa w immarkata DOK X1;*
- *Illi dan il-kreditu qiegħed jiġi kkonfermat mir-rappreżentant tas-soċjeta' attriċi u dan kif jidher mill-Affidavit hawn anness w immarkat DOK X2;*

- *Bl-ispejjes inkluż tal-ittra uffiċjali 166A, bin-numru 1979/2022 u bl-imgħaxx mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv".*

It-Tribunal ra illi wara li saru diversi tentattivi għan-notifika tal-konvenut, kellha tiġi adoperata l-proċedura tal-affissjoni tal-publikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern u f'gazzetti lokali.

Ra li l-konvenut ma ppreżenta l-ebda risposta u ma deher fl-ebda seduta.

Ra d-dokumentazzjoni kolha ppreżentata inkluż l-Affidavit ta' Dr. Jeremy Debono li ġie ppreżentat mal-istess Avviż.

It-Tribunal ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-31 ta' Ottubru 2023.

**Provi mressqa w Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal jirreferi għall-Affidavit ta' Dr. Jeremy Debono u l-kontenut tiegħu, li kkonferma li s-somma hija dovuta. Oltre li x-xhieda ta' Dr. Debono hija sodisfaċenti w kompluta, it-Tribunal josserva li l-konvenut la ppreżenta risposta w lanqas ebda difiża jew risposta u ebda prova ta' kontradizzjoni.

It-Tribunal, għalhekk, m'għandu l-ebda raġuni għalfejn jiddubita il-veraċita' tax-xhieda tagħha.

It-Tribunal josserva li l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tal-attur da parti tal-konvenut iżda kontestazzjoni tal-istess. Għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta d-domandi. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). Il-prova bil-kapitolu għandha tiġi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova li tkun prodotta.

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem il-qorti (ara ***Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi*** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

*Siccome* għalhekk il-kontumaċja mhix ammissjoni iżda oppożizzjoni, xorta waħda l-attur irid jipprova l-allegazzjoni minnu vantata sabiex tirnexxi l-azzjoni tiegħu (ara ***Carmel Schembri vs. Dorianne Zerafa*** deċiża mill-Prim' Awla fit-12 ta' Lulju 2001).

Riċentament ukoll sentenza mgħotija mill-Onorevolli mħallef Christian Falzon Scerri nhar it-18 ta' Novembru, 2022 (rikors 1090/2021) (ara ***Salvatore Battiato u Emanuela Graziella Vanella vs. Alessandro Mercieca*** ) fejn l-Imħallef iddikjara "Il-grad ta' prova li l-atturi kellhom jilħqu, huwa dak li biżżejjed inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta mill-preponderanza tal-provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabbilitajiet".

Wara li ra d-dokumenti relattivi,  it-Tribunal ma jsibx diffikulta' li jikkonkludi li s-soċjeta' attriċi timmerita li tieħu l-ammont riklamat skont l-Avviż tat-talba.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, għalhekk it-Tribunal jaqta' w jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjeta' attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta sabiex tħallas lis-soċjeta' attriċi is-somma ta' ta' elfejn, mija ħamsa u sebgħin ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (Eur2,175.95), bl-imgħaxx, liema imgħaxx għandu jiddekorri b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-Liġi, mid-data tal-fattura relattiva sad-data tal-pagament effettiv, kif ukoll bl-ispejjes inkluż tal-ittra uffiċjali 166A bin-numru 1979/2022, kif ukoll bl-ispejjes ta' din il-kawża.

---

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**